*Stqarrija għall-Istampa*

**Stqarrija Konġunta tal-Awtorita' tax-Xandir u l-Public Broadcasting Services Limited**

Fil-jiem li għaddew l-Awtorita' tax-Xandir u l-PBS kellhom diskussjonijiet estensivi intiżi sabiex jitjieb il-livell ta' komunikazzjoni u tiżdied il-kollaborazzjoni bejniethom.

Il-Bord tad-Diretturi tal-PBS jagħraf l-irwol Kostituzzjonali importanti li għandha l-Awtorita' sabiex tiżgura il-bilanċ u l-imparzjalita' fix-xandir Malti.

L-Awtorita' tax-Xandir tagħraf l-importanza li pajjiżna jkollu Xandir tal-Istat b'saħħtu li jwassal programmi ta' kwalita' lit-telespettaturi u semmiegħa Maltin.

Għaldaqstant, f'dan l-istadju, il-PBS iddeċidiet illi ċċedi l-kawżi kollha pendenti fil-konfront tal-Awtorita' tax-Xandir u dan sabiex jissaħħaħ dan l-ispirtu ta' kollaborazzjoni u impenn, fl-interess ta' xandir tal-ogħla livell.

Barra minn hekk ic-Chairman tal-Bord tal-Awtorita' tax-Xandir is-Sur Anthony J Tabone dalgħodu għamel żjara ta' kortesija fil-Creativity Hub tal-PBS fi Gwardamangia, fejn intlaqa' mic-Chairman il-ġdid tal-PBS Dr. Tonio Portughese.

Anthony J Tabone
Chairman
Awtorita' tax-Xandir

Tonio Portughese
Chairman
Public Broadcasting Services Ltd.

**It-Tlieta 14 ta' Mejju 2013**